# Id-Dumnikani f'Malta

Fr Reno Muscat OP



### Dawk li xettlu d-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju

Id-devozzjoni lejn it-talba tar-rużarju u lejn il-Madonna bit-titlu ta' din it-talba qaddisa minn dejjem kienet imxerrda mid-Dumnikani, il-patrijiet imwaqqfa minn San Duminku ta' Gużman. L-isem ta' dan l-ordni minkejja li hu magħruf bħala Dumnikan, fil-verità huwa l-Ordni tal-Predikaturi. Ladarba qatt ma naqqsu milli jxandru u jxerrdu d-devozzjoni lejn ir-rużarju. Din is-sena li ninsabu fiha taħbat bejn żewġ anniversarji importanti: fl-2003 il-Provinċja Dumnikana Maltija ċċelebrat il-175 sena mit-twaqqif tagħha u fis-sena 2016 jaħbat it-800 anniversarju mit-twaqqif tal-Ordni tal-Predikaturi. Jixraq li llum naraw ftit mill-istorja tad-Dumnikani f'Malta. Tajjeb li bħala Rużarjanti nkunu nafu l-istorja ta' dawk li welldu u kattru d-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju f'pajjiżna.

L-ewwel Dumnikani waslu Malta minn Sqallija lejn nofs is-seklu XV. Sa minn qabel kien hemm xi Maltin li ħaddnu l-ħajja reliġjuża fuq il-passi tal-qaddis Duminku. Fil-fatt wieħed mill-patrijiet mill-ewwel grupp li wasal Malta kien iben art twelidna. Huma kienu joqgħodu ġewwa r-Rabat u fl-1473 id-dar li kienu joqgħodu fiha twaqqfet bħala l-ewwel kunvent Dumnikan f'Malta. Dan il-kunvent kien dak tal-Madonna tal-Għar. Ma kienx hemm il-kunvent maestuż li naraw illum u lanqas il-knisja sabiħa li fih. Imma kien fl-istess post li llum għadna naraw il-kunvent u l-Knisja tal-Madonna tal-Għar.

Fl-1528 in-numru ta' Dumnikani kien kbir biżżejjed biex jinfetaħ kunvent ieħor. L-ivjaġġar bil-baħar kien sar popolari u bosta minn dawk li kienu jbaħħru kienu telqu l-irħula u l-kamoanja u fittxew saqaf fejn ix-xatt. Għalhekk id-Dumnikani ħassew li t-tieni kunvent tagħhom kellu jkun fil-belt marittima tal-Birgu. Hekk ġara u dik is-sena stess infethet dar iddedikata lill-Madonna taħt it-titlu tal-Lunzjata. Sentejn wara li d-Dumnikani waslu l-Birgu, Malta għaddiet f'idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn raw li l-Imdina kienet wisq imbegħda mill-port u għalhekk għażlu lill-Birgu bħala l-Belt tagħhom. Fil-Birgu fetħu l-bereġ u ħadu l-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz biex isservihom bħala knisja konventwali. Sakemm il-kavallieri telqu l-Birgu sabiex imexxu lill-artna mill-belt Valletta, il-knisja Dumnikana tal-Lunzjata serviet bħala l-parroċċa ta' dawk l-inħawi. Dak li naraw illum ma huwiex l-ewwel kunvent u lanqas il-knisja tiegħu. Dawk oriġinali waqgħu matul it-tieni gwerra dinjija. Il-Knisja tal-lum infetħet fl-1960.

Il-fatt li issa ċ-ċentru marittimu u kummerċjali ċċaqlaq fuq in-naħa l-oħra tal-port il-Kbir, il-patrijiet Dumnikani tal-Birgu hasbu biex huma wkoll ikollhom preżenza fil-Belt il-ġdida. Fl-1569 infetħet dar bl-isem tal-Madonna tal-Portu Salvu. Il-belt Valletta dlonk saret mimlija ħajja u għalhekk kien hemm ħtieġa li titwaqqaf parroċċa għaliha. San dak iż-żmien dik l-akwata kienet tagħmel parti mill-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Imma xejn ma kienet moqdija n-nies tal-Belt, b'parroċċa mbegħda madwar ħames kilometri minn darha. Għalhekk fl-1571 il-knisja tal-Portu Salvu twaqqfet bħala l-parroċċa tal-Belt Valletta. Din kienet l-ewwel parroċċa f'Malta mmexxija mill-patrijiet. Għal mijiet ta' snin l-ebda parroċċa oħra ma kienet f'idejn il-patrijiet. Baqgħet hekk dal-1905 meta l-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali ta' San Pawl il-Baħar saret parroċċa. Din fetħet it-triq għal aktar parroċċi tar-reliġjużi u nsibu l-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa mmexxija mill-Kapuċċini, imwaqqfa fl-1913 u l-parroċċa ta' Santa Venera tal-Karmelitani u dik tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema tal-Franġiskani Minuri, it-tnejn imwaqqfin fl-1918. Minkejja li l-Knisja tal-Portu Salvu kienet parroċċa, il-kunvent tagħha kien għadu jagħmel ma' dak tal-Birgu. Fl-1612 dan il-kunvent sar wieħed awtonomu. Il-knisja li naraw illum mhijiex dik li nbniet fi żmien il-bini tal-Belt Valletta. L-ewwel knisja kienet saritilha bosta ħsara bit-terrimoti u l-maltemp u għalhekk inbniet il-Knisja li naraw illum. Din infetħet fl-1815.

Għal bosta snin dawn kienu it-tliet kunventi Dumnikani ġewwa Malta. Dawn kienu jagħmlu parti mill-Provinċja Dumnikana ta' Sqallija imma kienu magħrufin bħala il-Kongregazzjoni ta' San Piju V. Fl-1838 din il-kongregazzjoni inqatgħet mill-provinċja għaliha. Ħadet l-isem ta' San Piju V.

Matul is-seklu XX id-Dumnikani Maltin fetħu dar f'Tas-Sliema, bil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu fl-1909, dar oħra fi Gwardamangia fl-1948, bl-isem tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima u fetħu wkoll il-Kulleġġ San Albert il-Kbir fil-Belt Valletta, fl-1948 id-djar ta' Tas-Sliema u ta' Gwardamanġia saru kunventi. Fl-1968 il-Knisja Dumnikana ta' Fatima saret parroċċa u fl-1973 anke dik tan-Nazzarenu saret parroċċa biex b'hekk il-Provinċja Dumnikana għandha tliet parroċċi fid-djoċesi ta' Malta.

Ix-xandir tal-Kelma ta' Alla mill-ulied Maltin ta' San Duminku ma waqafx biss fi gżiritna għax fl-1961 inbdiet missjoni fil-Brażil u fl-1996 inbdiet missjoni oħra fl-Albanija. Ulied din il-provinċja għadhom jaħdmu f'dawn iż-żewġ missjonijiet sal-ġurnata tal-lum.

Il-Provinċja San Piju V offriet ukoll xi wħud minn uliedha għall-grad tal-Episkopat. Tlieta minn dawn bosta minna nafuhom personalment. Dawn huma P. Walter Ebejer OP. Isqof Emeritus fil-Brażil, P. Ġorġ Frendo OP, Isqof Awżiljarju fl-Albanija u P. Pawl Cremona OP, Arċisqof ta' Malta.

Din hija storja qasira tal-provinċja Dumnikana Maltija. Dawn huma dawk li nisslu u xerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju u lejn it-talba għażiża ġewwa pajjiżna.